MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 431/2007

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenti kienet mizzewga lil E D li minnu hija legalment separata permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tad-29 ta’ Mejju 2007 (Dok. A), u li z-zwieg taghhom gie wkoll dikjarat null permezz ta’ sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-28 ta’ Gunju 2007 (Dok. B).

2. Illi fit-12 ta’ Settembru 2007 l-esponenti welldet lit-tarbija C D B u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok. C;

3. Illi l-esponenti fiz-zmien li kienet separata de facto minn mal-konvenut zewgha kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor F G, liema relazzjoni ilha tipperdura ghal dawn l-ahhar sentejn, minn liema relazzjoni twieled il-minuri C D B;

4. Illi mill-imsemmi certifikat tat-twelid anness jirrizulta illi l-missier tal-minuri C D B huwa l-konvenut E D, mentri, fil-verita’ l-missier naturali tal-imsemmija tarbija huwa l-konvenut l-iehor F G.

Illi huwa ghalhekk li hemm lok illi c-certifikat tat-twelid ta’ C D B jigi emendat fis-sens illi l-paternita’ ta’ l-istess minuri tkun korrettement tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-konvenut F G huwa l-missier naturali tieghu.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-missier naturali u bijologiku tat-tarbija C D B huwa l-konvenut F G u mhux il-konvenut E D.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tigi kkancellata kull referenza li hemm ghal E D bhala missier it-tarbija C D B, fl-imsemmi certifikat tat-twelid u kull referenza li hemm ghal missier it-tarbija tigi sostitwita bit-taghrif li jirrigwarda lil konvenut F G li ghandu karta ta’ l-identita’ numru 3729081(M), bin Louis u Mary nee’ Seychell, ta’ l-eta ta’ sitta u ghoxrin sena (26), imwieled Pieta’ u joqghod Bormla, u dan billi:

(a) fejn l-att tat-twelid fuq imsemmi jidher fil-kolonna intestata isem u kunjom missier it-tarbija il-kliem ‘E D’ jigi sostitwit bil-kliem ‘F G’; u

(b) il-karta ta’ l-identita’ numru ‘0113775(M)’, jigi sostitwit bin-numru ‘3729081(M); u

(c) il-post tat-twelid tal-missier jibqa’ inalterat; u

(d) il-kliem 'Joseph D – alive' jigi sostitwit bil-kliem 'Louis G – alive'; u
(e) fil-kolonna intestata isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, il-kunjom 'D B', jigi sostitwit bil-kunjom 'G B'.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenut F G kkonferma li huwa jaqbel ma' l-ewwel talba attrici;

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika ukoll id-dettal dwar kemm kellu eta' fid-data tat-twelid tal-minuri l-allegat missier naturali l-intimat F G sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, ir-rikorrenti ghandha titlob li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kkancellati l-kliem "the said" minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' omm it-tarbija.

3. Illi jehtieg li r-rikorrenti tipprova l-impossibilta fisika bejn il-konjugi E D u bejnha.

4. Illi fit-talbiet attrici ghandu jigi specifikat n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid li huwa 3360 tas-sena 2007.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2008 li permezz tieghu l-konvenut E D, assistit mid-difensur tieghu, "iddikjara li huwa jaqbel li huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C."

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-rapport xjentifiku ta' l-Analista Paul Sultana u ta' l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla 'C' li twieldet fit-12 ta' Settembru 2007, m'hijiex il-wild naturali tal-konvenut E D, izda hija t-tifla naturali u bijologika tal-konvenut F G.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konjugi, l-attrici A B u l-konvenut E D, isseparaw de facto fis-sena 2003, u fid-29 ta' Mejju 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, u fit-28 ta' Gunju 2007 iz-zwieg taghhom gie dikjarat null b' sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Jirrizulta li sentejn wara li l-attrici sseparat de facto minn mal-konvenut E D, allura konjugi taghha, hija dahhlet f' relazzjoni stabbli u f' konvivenza mal-konvenut l-iehor F G; u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla C fid-data fuq indikata. L-attrici tikkonferma li "tul l-erba' snin li kont ilni mifruda de facto mill-konvenut E D jiena qatt ma kelli relazzjoni jew xi xorta ta' kuntatt mieghu."[1]

[1] Aff. Fol.51

Illi t-tesi attrici hija korroborata mir-rizultanzi tar-rapport xjentifiku tad-DNA li jikkonferma li t-tarbija C hija l-wild naturali tal-konvenut F G.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miluqgha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-missier naturali u bijologiku tat-tarbija C huwa l-konvenut F G u mhux il-konvenut E D; u konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta’ l-imsemmija tarbija fis-sens li l-isem tal-konvenut E D, flimkien mal-konnotati tieghu, jigi kancellat u sostitwit bl-isem F G flimkien mal-konnotati tieghu kif dettaljatament indiati fit-tieni talba.

L-ispejjez jigu sopporatati konguntivament mill-attrici u mill-konvenut F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------